



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 8/24

Il-Lussemburgu, 16 ta' Jannar 2024

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-33/22 | Österreichische Datenschutzbehörde

Kumitat ta' inkjesta parlamentari għandu, bħala prinċipju, josserva r-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data

Dan ma jkunx il-każ f'sitwazzjoni fejn huwa effettivament jeżerċita attività intiża sabiex tissalvagwardja s-sigurtà nazzjonali

Kumitat ta' inkjesta mwaqqaf mill-parlament ta' Stat Membru fl-eżerċizzju tas-setgħa tiegħu li jissorvelja l-poter eżekuttiv għandu, bħala prinċipju, josserva r-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR) ¹. Barra minn hekk, f'sitwazzjoni fejn, f'dan l-Istat Membru, ikun hemm biss awtorità ta' superviżjoni waħda, din tal-aħħar tkun, bħala prinċipju, kompetenti tissorvelja l-osservanza tal-GDPR mill-kumitat ta' inkjesta. Mill-banda l-oħra, f'sitwazzjoni fejn il-kumitat ta' inkjesta effettivament jeżerċita attività intiża sabiex tissalvagwardja s-sigurtà nazzjonali, huwa la jkun suġġett għall-GDPR u lanqas, konsegwentement, għas-sorveljanza tal-awtorità ta' superviżjoni.

Il-Kamra tad-Deputati tal-Parlament Awstrijak, waqqfet kumitat ta' inkjesta inkarigat sabiex jitfa' dawl fuq il-possibbiltà ta' influwenza politika fuq l-Uffiċċju Federali Awstrijak għall-Ħarsien tal-Kostituzzjoni u għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu ².

Dan il-kumitat ta' inkjesta sema' xhud waqt seduta li xxandret mill-media. Il-minuti ta' din is-seduta ġew ippubblikati fuq is-sit internet tal-Parlament Awstrijak. Minkejja t-talba tiegħu għal anonimizzazzjoni, dawn il-minuti semmew l-isem sħiħ tax-xhud.

Billi qies li l-fatt li ssemma ismu kien imur kontra l-GDPR, ix-xhud ressaq ilment quddiem l-Awtorità Awstrijaka għall-Protezzjoni tad-Data. Huwa spjega li kien jaħdem bħala uffiċjal pajżan fil-grupp ta' intervent tal-pulizija responsabbli għall-ġlieda kontra d-delinkwenza fit-toroq pubbliċi. L-Awtorità għall-Protezzjoni tad-Data ħadet l-ilment, minħabba li l-prinċipju tas-separazzjoni tal-poteri jipprekludi li din l-awtorità, bħala fergħa tal-poter eżekuttiv, tissorvelja l-osservanza tal-GDPR mill-kumitat ta' inkjesta, liema kumitat jaqa' taħt il-poter leġiżlattiv. Ix-xhud adixxa għalhekk lill-qrati Awstrijaċi sabiex jikkontesta dan l-approċċ.

Il-Qorti Amministrattiva Awstrijaka staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kwistjoni dwar jekk il-kumitat ta' inkjesta, li jaqa' taħt il-poter leġiżlattiv u li kien qiegħed imexxi inkjesta li tikkonċerna attivitajiet ta' sigurtà nazzjonali, huwiex suġġett għall-GDPR u għas-superviżjoni tal-Awtorità għall-Protezzjoni tad-Data.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li anki **kumitat ta' inkjesta mwaqqaf mill-parlament** ta' Stat Membru fl-eżerċizzju tas-setgħa tiegħu li jissorvelja l-poter eżekuttiv **għandu, bħala prinċipju, josserva l-GDPR**.

Huwa minnu li l-GDPR ma japplikax għall-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet tal-istat fil-kuntest ta' attività intiża sabiex tissalvagwardja s-sigurtà nazzjonali. Madankollu, bla ħsara għall-verifika mill-Qorti Amministrattiva Awstrijaka, **l-inkjesta inkwistjoni ma tidhirx li hija intiża, bħala tali, sabiex tissalvagwardja s-sigurtà nazzjonali**. Fil-fatt, dan il-kumitat ta' inkjesta kien suppost qiegħed jinvestiga l-possibbiltà ta' influwenza politika fuq awtorità li taqa' taħt il-poter eżekuttiv, liema awtorità kellha l-kompitu li tħares il-Kostituzzjoni u tiġġieled it-

terroriżmu.

B'dan premiss, is-sigurtà nazzjonali tista' tiġġustifika li, permezz ta' miżuri leġislattivi, jiġu llimitati l-obbligi u d-drittijiet li jirriżultaw mill-GDPR. Mill-proċess ma jirriżultax, madankollu, li l-kumitat ta' inkjesta inkwistjoni allega li l-iżvelar ta' isem ix-xhud kien neċessarju sabiex tiġi ssalvagwardata s-sigurtà nazzjonali u bbażat fuq miżura leġislattiva. Madankollu, hija l-Qorti Amministrattiva Awstrijaka li għandha twettaq il-verifiki neċessarji f'dan ir-rigward.

Billi l-Awstrija għażlet li twaqqaf biss awtorità ta' superviżjoni waħda fis-sens tal-GDPR, **jiġifieri l-Awtorità għall-Protezzjoni tad-Data, din tal-aħħar hija, bħala prinċipju, kompetenti wkoll li tissorvelja l-osservanza tal-GDPR minn kumitat ta' inkjesta bħal dak inkwistjoni, u dan minkejja l-prinċipju ta' separazzjoni tal-poteri.** Dan huwa r-riżultat tal-effett dirett tal-GDPR u tas-supremazija tad-dritt tal-Unjoni, inkluż fil-konfront tad-dritt kostituzzjonali nazzjonali.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qorti tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ u, fejn applikabbli, is-sommarju](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!



¹ [Regolament \(UE\) 2016/679](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data.

² FI-1 ta' Diċembru 2021, id-Direttorat għas-Sigurtà tal-Istat u għas-Servizzi tal-Informazzjoni ħa post dan l-Uffiċju.